**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI,
L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

# ĊIRKOLARI

Referenza: NLA 31/2025

Mingħand: Is-Sur David Muscat – Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Lis-: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi / Uffiċjali Edukattivi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tas-Setturi kollha
Kapijiet tal-Entitajiet

Suġġett: Bil-Qari u l-Kitba Niskorja fis-sajf 2025, Għawdex

Data: 17 ta' Ġunju 2025

---

Matul ix-xhur tas-sajf, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se tkun qed toffri edizzjoni tas-sajf tal-programm edukattiv 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja'. Is-sessjonijiet għall-istudenti se jsiru l-iskola primarja tax-Xewkija tal-Kulleġġ t'Għawdex bejn Lulju u Settembru 2025.

L-għan ta' dan il-programm hu li fuq medda ta' ftit ġimgħat, it-tfal li jħobbu l-futbol jitħajru jaqraw aktar u jtejbu l-ħiliet tal-qari u l-fehim tagħhom. Dan il-programm iżewweġ l-imħabba tat-tfal għall-futbol mal-gost tal-qari u l-kitba. Hekk it-tfal jaqraw aktar kotba u jtejbu l-ħiliet tagħhom.

Il-postijiet għal dan il-programm huma limitati u dawk kollha li japplikaw se jagħmlu intervista informali qabel jibda l-programm bħala parti mill-proċess tal-għażla. It-tmien sessjonijiet se jsiru darba fil-ġimgħa mit-08:00 a.m sal-10:00 a.m. u se jkunu t-Tlieta u l-Ħamis.

**Il-Grupp tat-Tlieta:**

8, 22, 29 ta' Lulju

5, 12, 19, 26 ta' Awwissu

2 u 9 ta' Settembru

**Il-Grupp tal-Ħamis:**

10, 24, 31 ta' Lulju

7, 14, 21, 28 ta' Awwissu

4 u 11 ta’ Settembru

**Min jista’ japplika?**

Dan il-programm se jsir għat-tfal li matul din is-sena skolastika (2024/2025) kienu fir-**raba’**, fil-**ħames,** jew fis-**sitt sena**. Studenti li diġa ħadu sehem f’dan il-programm mhumiex eliġibbli jipparteċipaw.

Ġenituri/gwardjani ta’ tfal interessati jistgħu japplikaw billi jimlew il-formola online li tinsab hawn.

L-applikazzjoni trid timtela sa mhux iktar tard mill-**Ġimgħa, 27 ta’ Ġunju 2025** f’nofsinhar.

Min ikun irid aktar tagħrif fuq dan il-programm jista’ jikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu billi jċempel 25983324 jew jibgħat ittra elettronika lil nla@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-attenzjoni,

David Muscat

Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu